**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 23 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Adam Griffin**

Illum, 28 ta' Lulju, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Adam Griffin detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 442287 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-4/7/2019 ghal habta ta' bejn 14:45 hrs u 15:00 hrs:

"[1] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3));

[2] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))

[3] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta' kont (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))

[4] Volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg ta` haddiehor mobbli jew immobbli meta l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-€2500, izda kien jiskorri l-€250 (Kap 9 Artiklu 325 (1) (b))

[5] B`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolament ikkagunajt offiza ta` natura hafifa CATHERINE PORTELLI (Kap 9, Artiklu 226 (1) (c)) ″

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta′ Jannar, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-akkuzi u l-ligi, ossia Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (2), (3), Kap. 9 Art. 325 (1) (b) u Kap. 9 Art. 226 (1) (c):

- illiberat lill-imputat mir-raba′ akkuza,
- sabithu hati tat-tieni akkuza (li fiha huma assorbiti l-ewwel u t-tielet akkuza) u tal-hames akkuza u:
  - ikkundannatu jhallas il-multa komplessiva ta′ hames mitt euro (€500),
  - skwalifikatu milli jzomm il- licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur u ai termini talArt. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 ordnatlu sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorità ghat-Trasport f′ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Adam Griffin minnu pprezentat fis-17 ta′ Frar, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha:-

1. Thassar, tikkancella u tirrevoka is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet premessi tat-30 ta′ Jannar 2020-u tillibera lill-appellant minn kull htija u imputazzjoni *ai termini* tal-**Ewwel, t-Tieni** u **t-Tielet Aggravju**; jew alternativament

2. Tilqa′ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet u -hames imputazzjoni u fejn illiberatu mir-raba′ akkuza, izda tirriformaha billi timponi piena multa komplessiva ta′ mitejn u hamsin Ewro (€250) jew somma

ohra aktar idoneja, u tikkancellha fil-parti fejn ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

<u>L-EWWEL AGGRAVJU</u>

1. Illi, l-**<u>Ewwel Aggravju tal-Appellant</u>** jikkonsisti mill-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezament hazina tal-fatti meta ddecidiet li temmen il-verzjoni moghtija mill-parte civile u tiskarta dik tal-imputat, u dan sinfikativament is-sentenza appellata tippekka li eleggiet li taghzel li temmen il-verzjoni tal-*parte civile* minghajr ma taghti ebda raguni jew spjegazzjoni ghal fejn kienet qeghda taghmel din l-ghazla;

2. Illi, bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma huwiex bizzejjed li l-Qorti tghid li kellha l-opportunita` li tosserva il-komportament tax-xhieda li xehdu *viva voce* minghajr ma tghid x' rat fil-komportament ta' xhud jew iehor li wassalHa ghal konvincment morali li t-tezi kif esposta mill-*parte civile* kienet aktar kredibbli minn dik moghtija mill-imputat, *qua* appellant.;

3. F' dan ir-rigward l-appellant qieghed jargumenta taht dan l-aggravju li d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti ma tilhaqx il-miri li tkun *safe and satisfactory* u dan in kwantu zbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, u allura din il-Qorti imbaghad ghandha s-setgha u d-dmir li tibdel dik is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirrizultaw li jkunu zbaljati jew li ma jirriflettux il-Ligi[1];

[1] vide l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' ***Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15.01.2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19.06.2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14.12.2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16.10.2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24.04.2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak**

4. Illi, inoltre, ghal dak li jirrigwarda l-kredibbilita' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b' success, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wiehed wahdu jekk emmnut huwa sufficjenti. Dan ukoll gie kkonfermat minn gurisprudenza nostrana kopjuza fejn dan il-principju gie ripetutament assodat[2];

5. Illi, ai fini tat-test tal-kredibbilita huwa l-**Art. 637 tal-Kap. 9 [Kodici Kriminali] tal-Ligijiet ta' Malta**, li jistipula li ghal dak li jirrigwarda xhieda ta' età minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taht l-Art. 636 **tal-Kap. 9 [Kodici Kriminali]**, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun mehtiega x-xhieda taghhom, jew fir-rizultat tal-kawza, u l-ligi hawn testwalment tghid is-segwenti:

> *"....id-decizjoni (dwar il-kredibbilita taghhom) tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*

6. Illi, skond il-gurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Magistrati tonqos milli taghmel dan l-ezercizzju fir-rigward ta' xhieda ta' certu portata jew li permezz tat-testimonjanza taghhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, **<u>tista'</u>**

---

***sive* Axiak**, 23.01.2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 05.07.2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 07.03.2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 01.12.1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14.02.1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12.05.2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 06.05.2004; **Il-Pulizija vs Maurice *Saliba***, 30.04.2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30.03.2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21.10.1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12.05.1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15.07.1996*;* ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31.05.1991*;* ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31.05.1991.

[2] *vide* ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia***, 06.11.2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar***, 16.03.2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri***, 09.11.2011; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), 24.09.2004.

**tirrizulta n-nullita' tal-proceduri**, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-kaz ikun jistrieh fuq il-kredibbilita o meno tax-xhieda.[3];

7. Illi, kwindi mhux bizzejjed però li l-Ewwel Onorabbli Qorti merament tiddikjara li kellha l-opportunita` tisma' x-xhieda u tara l-komportament taghhom minghajr ma taghti spjegazzjoni, taghti r-ragunijiet ghalfejn iddeklinat milli taccetta verzjoni tal-fatti in preferenza t' ohra. Tant huwa indikat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino[4],** fejn l-Imhallef Harding stqarr:

> *"Lanqas hu traskurabbli l-fatt li l-ewwel Qorti **kienet impressjonata bil-mod serju u sod** li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess."*

8. Illi, inoltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[5]:-

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux"*

9. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlahaqx, l-Ewwel Onorabbli Qorti riedet, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-principji provduti lilha fis-sucitat **Art. 637**. Jekk dik il-Qorti qieset li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqghod fuq dak li jkun qed jghid jew fuq parti minn dak li jkun qed

[3] *vide* ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo***, Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar id-9.ta' Settembru 1999
[4] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar it-30 ta' Marzu 1963
[5] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar id-9 ta' Lulju, 2003, (Sede Inferjuri)

jghid skont il-kaz. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiggudika l-fatti jiddeciedi jekk, applikati dawn il-principji, jemminx xhud f' dak kollu li jkun qed jghid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jghid, u dan japplika specjalment meta x-xhud ikun xhud wahdieni tal-fatti allegati;

10. Illi, ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ghandha terga tizen ix-xhieda moghtija waqt il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex taghmel id-determinazzjoni taghha skond l-**Art 636 u 637 tal-Kap. 9** u taghmel dak l-ezercizzju li l-Ewwel Qorti m' ghamlitx li tevalwa l-provi kollha sabiex tiddetermina liema hija l-aktar verzjoni attendibbli u dan minghajr pregudizzju ghal u flimkien ma' dak kollu li ser jintqal fl-aggravji kollha l-ohra imqajma f' dan ir-rikors tal-appell;

IT-TIENI AGGRAVJU

11. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, it-**Tieni Aggravju tal-Appellant** jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazina tal-fatti meta wasslet ghad-determinazzjoni tal-fatti minghajr ma' tat ebda piz ghal dak li xehdu ix-xhud okulari Joseph Herbert in ezami u PC 640 S. Camilleri in kontro-ezami;

12. Illi, Joseph Herbert xehed li fil-04.07.2019 ghal habta ta' 15:00 hrs meta hu kien wasal fuq il-post, l-allegat incident kien digà sehh u allura l-akkadut kif allegat kien gja sehh. Xehed li ghalhekk ma' rax incidenti. Però xehed, u din hija sinifikanti, li hu **ra lill-imputat jirriversja minn fuq is-*central strip***, fatt dan li ma huwiex kontestat mid-difiza u lanqas mill-prosekuzzjoni. Ix-xhud ikompli jghid li wara ftit rah isuq l-' hemm – **u xejn aktar**. Din ix-xhieda hija sinifikanti iktar ghal dak li ma jghidx ix-xhud milli ghal dak li jghid u dan ghaliex kien propju f' dan il-mument li Catherine Portelli tghid li hu laqatha

bil-vettura tieghu hu isuq l' hemm. Dan ma huwiex ikkoraborat mix-xhud okulari però li kien fuq il-post u minn dan kollu ma ra xejn!

13. Illi, inoltre meta gie mistoqsi PC 640 S. Camilleri in kontroezami, li kien il-Pulizija li ha ir-rapport mill-parte civile, jghid li jiftakar meta l-*parte civile* dahhlet l-Ghassa, kwindi *in tempo vergine* qrib hafna l-hin tal-allegat incident, dahlet timxi normali u **ma kienitx tidher imwegga xejn**;

14. Illi, ghalhekk dan kollu jxejjen il-kredibbilita` ta' Catherine Portelli, li maghdud mal-fatt li:

    (a) ma pproducietx ritratti tal-allegat incident jew hsara fuq il-vettura taghha, kemm il-darba moghtija din l-opportunita` mill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex taghmel dan;u

    (b) ma' sejhitx ghal *wardens* fil-hin tal-incident sabiex tigi ppreservata l-evidenza; u

    (c) il-Pulizija stess li ha r-rapport ma vverifikax il-hsarat fuq il-vettura taghha;

15. Illi, l-appellant huwa moralment konvint li l-parte civile riedet, bli ghamlet, tohloq cirkostanzi sabiex tkun tista' tiehu tiswijiet fuq il-vettura tieghu minn fuq dahru u dan partikolarment ghax meta bdiet tghidlu fejn allegatament laqtilha l-vettura kienu jidhru li huma grif antiki u barra minn hekk fuq il-vettura tieghu ma kellu ebda hsara;

16. Illi, inoltre jinkombi fuq il-parti li ghandha l-oneru tal-prova, l-obbligu li taghmel l-ahjar prova in sostenn tat-tezi taghha. Dan jirrizulta mill-**Art. 559 tal-Kap.12 [Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili] tal-Ligijiet ta' Malta** rez applikabbli ghal kawzi kriminali a tenur tal-**Art. 520(1) d) tal-Kap. 9**

**[Kodici Kriminali] tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan kif ribadit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Fallon Grech Blackman vs. Filletti Lara***[6].

17. Illi, ghaldaqstant it-Tieni Aggravju gie ampjament muri lill-dina l-Onorabbli Qorti u ghalhekk dan l-appell ghandha tintlaqa fuq dan l-Aggravju ukoll.

**IT-TIELET AGGRAVJU**

18. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, it-**Tielet Aggravju tal-Appellant**, jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazina tal-fatti meta, wara li rat ic-certifikat mediku mahrug mit-tabib Dr. Damien Calleja Stafrace, injorat il-fatt li dak ic-certifikat ma' johloqx in-ness mehtieg mal-incident kif allegat mill-prosekuzzjoni u l-*parte civile*;

19. Illi, bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant isuq vettura Suzuki li hija tat-tip SUV four-by-four, karrozza tqila u potenti. Li kien minnu, kif allegat mill-parte civile u kif sussegwentement soffermat fis-sentenza appellata, li l-imputat saq din il-vettura bi traskuragini, b' nuqqas kont, b' mod preikoluz u b' taskuragini tant li *inter alia* laqat lill-persuna ta' Catherine Portelli, certament ma kienx ser jaghmililha griehi ta' natura hafifa! Il-griehi li kien jikkagunala kienu jkunu serjissimi. Kienu jkunu serji anke li kieku kien ghaddej bil-mod ahseb w ara bil-mod li ddeskriviet il-parte civile meta hadet il-pedana tax-xhieda;

20. Illi, bhala prova ic-certifikat mediku jikkostitwixxi prova indizjarja u bhala tali ghalkemm hija indubbjament mhux giddieba, hija, maghdud ma dak li intqal taht l-Aggravju precedenti fir-rigward tal-fatt li l-*parte civile* wegghet meta l-

---

[6] *App. Civ. Inf.*, Rik. Nru. **474/2002**, deciza nhar it-**23.06.2004** li in tema ticcita is-sentenza ***Grech Kristinu vs Bartolo Anthony***, App. Civ., deciza nhar id-**29.05.1998** [Vol **XXXV.I.298**]

imputat allegatament laqatha bil-vettura tieghu, wahda qarrieqa u ghalhekk hija univoka, u cjoe` ma hijiex prova li tipponta lejn direzzjoni wahda biss;

21. Illi, l-Qrati nostrani dejjem irrifjutaw li jistrieghu fuq provi cirkostanzjali li ma kienux esklussivament certi u dan peress li provi ta' din ix-xorta jistghu jizvijjaw lil Gudikant mir-ricerka ghal verita`;

22. Illi, ghaldaqstant peress li ma giex muri sal-grad rikjest mill-ligi li l-parte civile verament wegghet minhabba dak minnha allegat, anke dan it-Tielet Aggravju ghandha tintlaqa' minn dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Ir-Raba' Aggravju

23. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, ir-**Raba' Aggravju tal-Appellant** jikkonsisti fil-fatt li l-piena imposta fuqu hija wisq harxa tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz;

24. Illi, is-sentenza appellata timponi sentenza wisq harxa fuq l-imputat u ma tohloqx, fl-umli fehema tieghu, il-bilanc mehtieg sabiex jintlahqu l-iskopijiet tal-gustizzja u ghaldaqstant l-ekwilibriju bejn id-deterrenza permezz tal-piena u l-ordni pubbliku;

25. Illi, ghandu jinghad, fl-ewwel lok, li l-imputat jaqla' l-ghejxien tieghu minn fuq is-sewqan. L-impozizzjoni tal-iskawlifika tal-licenzja ghal kwalsijasi ammont ta' zmien ha ttelfu mill-impjieg tieghu;

26. Illi, fit-tieni lok u subodinatament ghas-suespost, l-appellant huwa cittadin mudell minghajr precedenti penali u l-piena kontemplata mill-Ewwel

Onorabbli Qorti hija wisq harxa tenut kont tal-imgieba ezemplari tieghu minn mindu beda jsuq aktar minn erbatax il-sena ilu;

27. Illi, ghalhekk, fl-eventwalita` li dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell issib li m' ghandhiex tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji ghadnha tara li il-miri tal-gustizzja ikunu intlahhqu jekk is-senenza appellata, filwaqt li tigi ikkonfermata fil-parti li ssib htija f-imputat, tigi reformata fil-parti punittiva taghha u teroga piena pekunjarja biss ta' multa ekwivalenti ghal mitjen u hamsin Ewro (€250) u tikkanella l-parti li ordnat l-iskwalifika tal-ligenzja tas-sewqan;

Rat l-atti tal-kawza inkluz id-dokumenti hemm esebiti.

Semghet lill-partijiet jittrattaq il-kaz u dan fis-seduta tal-14 ta' Lulju. 2020

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jistqarr li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali)
li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni

valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**."[7]; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**"[8]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[9]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[10]" u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**[11]" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*[12]

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"[13] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet –*

[7] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[8] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989
[9] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[10] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[11] [1969] 1 QB 276.
[12] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[13] DEciza mill-Qorti a l-appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994

*tiddisturba lgudizzju… , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat ilkomportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit tal-atti processwali jirrizulta li xehdu s-segwenti xhieda.

**PC 640 S Camilleri** xehed permezz ta' affidavit esebit fl-atti u spejga li nhar is-7 ta' Lulju 2019 kien diehel xoghol l-ghassa tal-pulizija taz-Zjetun fejn ghall-habta tat-15.10 p.m dahlet certa Catherine Portelli fejn qalet li xtaqet tghamel rapport minhabba li ftit iktar kmieni kellha incident ma vettura ohra Spjegatlu li kienet fil-vettura taghha tal-ghamla Opel numru ta' registrazzjoni HEL 007 fi Triq il Barrani, Zejtun wieqfa fit-traffiku minhabba li kien hemm vettura tal-linja wieqfa. Waqt li kient qed tistenna haset ill-vettura taghha ticcaqlaq u hekk kif harset sabeix tarag x'kein gara rat vettura ohra vicin ferm tal-vettura taghha fuq in-naha tal-lemin.

Catherine spjegatlu li harget minn gol-vettura u nnotat li vettura tal-ghamla Suzuki bin-numru ta' registrazzzjoni GAO 245 kient qieghda fuq ic-central strip. Hija qalet li x'aktarx din il-vettura Suzuki ppruvat taqla l-vettura taghha billi taghmel dan u fil-process giet milquta . Catherine tkelmet max-xuffier tal-vettura Suzuki l-appellatn

odjern fejn qaltlu li kien kien laqatha hekk kif ipprova jaqbez minn fuq ic-central strip. Huwa qallha li ma jsitax ikun u Catherine qaltlu bei xjieqaf sabeix iccempel ghall-assistenza tal-pulizija. Dak il-mument Catherine kient qieghda qudiem il-vettura ta' Adam fejn Adam saq il-vettura bil-quddiem u laqghat lil Catherine. Catherine ghamlet sinjal lix-xuffier sabeix jieqaf u m ajsuqx lejn id-direzzjoni taghha. Hija qalet li hekk kif ra lil Catherine baqgha fuq ic-central strip huwa rriversja u saq, dar mal-vettura taghha u saq direzzjoni len iz-Zejtun.

Catherine qaltlu li ftit 'l boghod minn fejn kienet qieghda kien hemm ufficcjal tat Transport Malta u li maret tkelmu u qalilha li jekk ikun hemm bzonn li jigi mitkellem mill-pulizija dwar x'kien gara huwa ma jsibx problema Il-pulizija baghtet lil Catherien taghmel certifikat mediku dwar il-griehi li garbet u sabiex tipprovdi stima dwar il-hsarat li kellha fil-vettura taghha.

Ix-xhud kompla jghid li dahal l-ghassa certu Joseph Herbert u dan qal li huwa kien ghaddej minn Triq tal-Barrani, Zejtun u lemah il-vettura tal-appellant fuq ic-central strip. Joseph spjega li huwa wasal dak il-hin li l-vettura Suzuki kienet qieghda tinstaq lura. Huwa ra l-vettura Suzuki tinzel minn fuq ic-central strip, iddur mal-vettura ta' Catherine u ssuq direzzjoni taz-Zejtun.

Aktar tard Catherine irrikorriet l-ghassa u hadet maghha certifiakt mediku li jindika li Catherine sofriet griehi ta' natura hafifa. Qal li pprova jghamel kuntatt ma l-appellant pero ma irnexxilux. Ix-xhud kellem ukoll lil Aneeq Mehboob li huwa xufier tal vettura ta' Transport Malta li dak iil-hin kien fl-istess triq tal-incident. Stqarr li PC 1594 mar jiltaqa' ma Aneeq hdejn ir-residenza tieghu sabiex jiehu l-versjoni tieghu ta' x'kien gara.

Jghid li Catherine Portelli pprezentat stima mahruga minn JP Garage, Auto Body repairs li tghid li l-ispejjez sabiex tirranga l-vettura taghha jammontaw ghal €283.20. Izid jghid li nhar is-7 ta' lulju, 20219 ghall-habta tad-20.45 l-appellant mar l-ghassa tal-pulizija ta' Zejtun fejn kien infurmat li kien sar rapport fil-konfront tieghu nhar l-

4 ta' Lulju, 2019 fuq accident li kien sehh fi Triq tal-Barrani, Zejtun. Huwa gie spjegat dan ir-rapport u inghata id-dritt li jkellem avukat tal-ghazla tieghu qabel jghid il-versjoni tieghu. Huwa fil-fatt hareg barra mill-ghassa biex icempel avukat. Huwa rega cempillu biex jara jekk kienx sejjer l-ghassa pero dan qallu li kien ha l-parir tal-avukat u li ma kienx ser jmur l-ghassa sabiex ighati l-versjoni tieghu .

Muri l-okkorenza seduta stante nhar l-14 ta' Lulju jghid li hija dik redatta minnu u kkonferma l-kontenut taghha . Mistoqsi jekk harigx jara l-allegat hsra li rraportat Catherine Portelli li allegtament kellha fu qil-vettura taghha jghid li fl-ebda hin ma hareg mil-ghassa bei xjivverifika dak msitqarr minnha war hsarat.

**PC 1594 Cleaven Abela** xehed permezz ta' affidavit u kkonferma li nhar l-4 ta' lulju, 2019 ghall-habta tal-5.00p.m huwa mar Triq il-Gudja, Hal Ghaxaq u tkellem ma persuna li kien fuq il-post dak il-hin tal-incident u cioe ma certu Aneeq Mehbooh fejn dan min naha tieghu qallu dak li kien ra. Aneeq qallu li '*he finished his duty and onhis wayhome the bus driver stopped on the bus stop while he was at Triq tal Barrani Zejtun. There was a truck and it hit the bus he was on. There was a traffic jam. After the traffic was gine the lady started moving her car but three was a Jeep and drove on the pavment and he saw them arguing. The jeep hit the car. Then he reversed and ran like a 'Hit and Run'.*

**Catherine Portelli** xehdet quddiem l-ewwel Qorti nhar it-30 ta' Jannar 2020 u spjegat li kagun tal-incident kellha griehi u hmura fuq il-hip joint u wara tlett ijiem hargu xi tbengil. Ikkonfermt li kient marret il-poliklinika u kkonfermat li c-certifikat esebit fl-atti datat 4 ta' Lulju 2019 firmat minn Dr Damien Calleja Stafrace huwa dak li inghatat dakinahr tal-vizta taghha .

Hija regghet xehdet quddiem din il-Qorti u spejgat li kient sejra ghand Joseph Herbert u fit-triq kien hemm hafna traffic. Kinet fil karregjata ta' barra u f'daqqa u l-hin hasset il-vettura taghha ticcaqlaq u appena daret sabet karozza fuq central strip. Harget mill-vettura taghha sabeix ticcekja kellheix xi brix u indunat li l-vettua kient laqtitha u barxitilha l-karozza taghha. Dak il-hin qalet lis-sewwieq tal-vettua u cioe l-appellant li ridet iccempel lill-pulizija . Pero dan saq lejha habat fil-karozza taghha billi irriversja ghal fuqha u qaltlu li kien laqatha dan qabad u saq 'l hemm.

Dak il-hin marret faccata u kien hemm rappresentant ta' Transport Malta u kelmitu dwar dak li kien gara u talbitu n-numru tieghu, marret l-ghassa u irraportat dak li kien gara.

Mistoqsija jekk hiex certa li kien l-appellant li ta' d-daqqa stqarret li kien hu kollu kemm hu.

**Joseph Herbert** xehed quddiem l-ewwel Qorti nhar it-30 ta' Jannar 2020 u spjega dak li kien ra b'ghajnejh dak in-nhar tal-incident . Jghid li kien sejjer id-dar brikeb il-mutur tieghu ghaddej fit-triq sejjer lejn B'Nugia min Santa Lucia. Meta kien hdejn it-traffic lights ta' hdejn tal Barrani kien hemm SUV sewda wieqfa fil-lane ta' barra u SUV ohra fuq ic-central strip. Ra ukoll li l-SUV li kien hemm fuq ic-central strip kienet qed tirriversja minn fuq ic-central strip. Dak il-hin haseb li kien hemm incident. ta' chance din nizlet minn fuq ic-central strip u baqghet sejra Fl-ebda hin ma ra incident .

L-appellant ukoll ta' id-deposizjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti nhar it-30 ta' Jannar 2020 u jghid li huwa sid il-vettura tal-ghamla Suzuki Samurai ta' kulur bajda numru ta' registrazzjoni GAO 245. Dakinahr tal-4 ta' Lulju, 2019 kien sejjer lejn B'Bugia ghand it-tfajla tieghu u kein ghaddej min Triq tal Barrani li taghti ghal B'Bugia . Jghid li kien hemm incident jew lkarozza tal-linja wieqfa u ghamlu xi ghoxrin minuta wieqfa. Huw akien fuq in-naha tas-central strip ma genb il-lights u ic-central strip hi gholja xi 15 sa 20 centimetru. Wara xi ghoxrin minuta ra li ma kienux gejjin vetturi lejn in-naha l-ohra u telgha ic-central strip bil-karozza tieghu u pprova jghaddi minn xi imkien iehor biex jevita li jibqa' hekk imwahhal . Wasal vicin il=-vettura ta' Portelli u kien xi 30 centimetri 'l boghod minnha u kif ratu qabdet tghajjat u tallega li kien laqatha u nizlet mill-vettura taghha u qaltlu bie xjinzel ukoll u nizel u mar jara x'kellha bhala hsara Bdeit turih xi grif fuq in –naha tal-lemin fuq l-mudgiard u qallha li ma setghx ghamilh ahu ghaleix kient iktar gholja jew baxxa mill-vettura teighu u wara qaltlu li tahseb li ghamlilha girfa ohra u qallha li l-vettura taghha hi sewda waqt li tieghu hi bajda . Qallha li ma kellu xejn u hija kellha genb bil-grif. Qallha li xtaqet tiehu xi sprenjatura minn fuqu . Ra li lt-traffic rega beda miexi dahal fil-karozza teighu u telaq 'l hemm . Kif kien qed jirriversja sabtitlu fu qil-bonnet. Mistoqsi ghaleix ma saqx 'l quddiem izda irriversja jghid li ma kellux

ghalfejn jaqbez ic-central trip beix ighaddi ghalix it-traffic kein beda miexi . Qallha li kienx ser jsitenna il-pulizija ghaleix ma kein ghamillha xejn u ma kein kkagunalha l-ebda danni Mistoqsi jekk jinnegax da li qalet Catherine u cioe li laqatha darbtejn jghid li iva jinnega

Rat ukoll fotokopja ta' stima datata 5 ta' lulju 2019 maghmula fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HEL 007 fl-ammont ta' €283.20.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-14 ta' lulju, 2020.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza jidher car li kemm l-appellant kif ukoll l-parte civile Catherine Portelli kienu sejrin direzzjoni ta' B'Bugia ghaddejjin minn Triq tal-Barrani u dan nahr l-4 ta' Lulju 2019 ghall-habta ta' 14.45p.m Jidher li kien hemm hafna traffiku u l-appellant iddejjaq jistenna u ghalhekk kif stqarr hu stess telgha fuq ic-central strip biex jipprova jevita it-traffiku u jghaddi minn band'ohra pero' ma irnexxilux u irriversja u rega' nizel minn fuq ic-central strip. Catherine Portelli min naha taghha tghid li hasset il-vettura taghha ticcaqlaq u fl-stess hin rat vettura fuq ic-central stip. Qalet li nzilet beix tara jek kkellheix hsara u kkonermat li kellha xi hsara fuq il-vettura taghha kagun ta' habta u cioe' stqarret li l-appellant kein laqatha. Tghid li hija bdiet tghajjat mal-appellant u dan irriversja minn fuq ic-central strip dahal go fiha ghat tieni darba u saq 'l hemm. Catherine Portelli tghdi li kien rappresentant ta' Transport Malta fil-vicin li ra l-incient pero' din il-persuna ma gietx prodotta biex tixhed minkejja li giet idnikat minnha lill-pulzija dakinhar li ghamlet ir-rapport taghha.

Jidher li l-ufficcjal tal-pulizija li ha r-rapport u cioe PC 640 Sylvan Camilleri kkonerma li kien l-ghassa meta Catherine Porteli ghamlet ir-rapport minnu konfermat fl-atti fejn hemm indikat li l-incident sehh nhar l-4 ta' Lulju 2019 pero' meta xehed bl-affidavit tieghu jghid li l-kwerelanti stqarret li l-incident sehh nahr is-

7 ta' Lulju 2019 u ghalhekk iddesskriva jum differenti. Jinghad ukoll li dan l-ufficcjal ukoll kkonferma li fl-ebda hin ma hareg mill-ghassa sabiex jikkonferma li in effetti kellheix xi hsara fuq il-vettura taghha kif reklamati minnha.

Xehed ukoll **Joseph Herbert** li kkonerma li hu ma rax l-incident isehh izda kkonferma li kien ra l-vettura tal-appellant fuq central strip rah ukoll jirriversja u jitlaq 'l hemm pero' fl-ebda hin ma jghdi li ra incident jew li ra din il-vettura tolqot lill-parte civile.

Fl-atti hemm ukoll esebit l-affidavit ta' **Dr Damien Calleja Stafrace** fejn jikkonferma ic-certifikat mediku esebit fl-atti rilaxxjat minnu u jghid li dawn il griehi huma ta' natura hafifa pero' fl-ebda hin ma jghid ma xiex huma kompatibbli. Jiddiksrivi il-feriti subiti mill-parte civile bhala 'ugiegh u hmura fuq il-lemin tal gogg tal genbejn (hip joint).

L-appellant a tempo vergine jichad li fil-fatt mess lill-kwerelanti ghalkemm jikkonferma li fuq central strip telgha. Jghid ukoll li ma qaghadx jistenna lill-pulizija peress li hu fl-ebda hin ma mess lill-kwerelanti u ghalhekk ma kienx hemm il-bzonn li jistenna lill-pulizija.

Jinghad li f'din il-kawza l-prosekuzzjoni ma resqitx l-persuna li irrilaxxjat l-istima biex tikkonferma dak li rat u tikkonfera l-kontenut ta' l-istima li hija fotokopja. Id-difiza fl-edba hin ma irrinunzjat ghal tali xhud. Jigi rilevat ukoll li Joseph Herbert li kein ghaddejn min ndin l-istes Triq fil-hin tal-incident ma ra l-ebda incident isehh izda jghid li ra lill-appellant jirriversja u jitlaq 'l hemm.

Jigi rilevat li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' sewqan perikoluz fejn is-sewqan traskurat u bla kont huma inkorporati. Dwar dan jinghad li l-ewwel Qorti rragunat li meta l-appellant qabad u iddecida li jitla' fuq central strip meta kien hemm it-traffiku fi triq prinicipali u ma qaghdx jsitenna il-*flow of traffic* icedi biex isuq huwa kien qed jiehu attitudni ta' 'menefregista' u ghalhekk ghandu jinsab hati

ta' sewqan perikoluz. Illi ghalhekk independetement mill-akkuza l-ohra din il-qorti trid tara jekk il-manuvra tal-appellant, ammessa minnu stess kienitx wahda li tekkwevali ghal sewqan perikoluz.

Mhemmx dubbju li huwa minnu li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha pero' f'dan il-kaz ghandna l-appellant stess li jammetti li ghamel din l-istess manuvra u cioe li telgha fuq central stip sabiex jipprova jevita it-traffic u dan flok ma qaghad jistenna bil–pacenzja kif rikjest minn sewwieq prudenti. Ghalhekk f' dan ir-rigward il-prosekuzzjoni ma kellha tipprova xejn aktar specjalment in vista tal fatt li kien l-appellant stess li ammetta din l-manuvra.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni ta' sewqan perikoluz li taghha instab hati u l-ewwel imputazzjoni ta' sewqan b' maniera traskurata u t-tielet imputazzjoni ta' sewqan b'nuqqas ta' kont , gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament li, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree"[14]. (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo ; Pul. vs. Wilson[15] u Pul. vs. Alfred Vella[16] u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar issewqan perikoluz. (App. Krim. Pul. vs. Hardingham[17] . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "*recklessness*" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia[18] "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina[19] . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri [20]. )

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : "The Police vs. Gunner Brian Wilson[21]" li :-

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' MArzu 1959
[15] Vol. XXXIX p. 1018
[16] Vol. XLIV ; p. 933
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Ottubru 1963
[18] Vol.XXXIX p. 1018
[19] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' April 1963
[20] Vol. XLIV , p.892
[21] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta' Mejju 1959

"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving." (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. "Il-Pulizija vs. Manwel Mallia[22]" u "Il-Pulizija vs. Charles Bartolo[23]" [rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes[24]"gie ritenut li *;-*
*"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li*
*jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*

"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u non kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu ." (ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Charles Farrugia[25]"

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' Mallia u Bartolo fuq citati "kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit , kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz . Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' *"degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Sewqan **perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara **c-cirkostanzi kollha tal-kaz**, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Marzu 1959
[23] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Marzu 1959 - Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016
[24] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Mejju 1953
[25] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-5 ta' MArzu 1955 - Vol. XXXIX, iv. p.978

ghaddejjin bir-rigel. Illi fil-kaz in desamina kif jghid l-appellant stess kien hem hafna traffiku fir-triq tan tli ghamel il-manuvra inaspettata biex jipprova jevita it-traffiku u ma jibqax jistenna li l-flow of trffic jimxi. Mhemmx dubbju li sabiex jinzel minn fuq ic central strip hemm bzonn ta' manuvra ta' reverse fuq triq principali . Illi meta l-appellant ghazel li jghamel din il-manuvra u cioe li volotnarjament jitla' fuq central strip minghalih sbaei xjevita traffiku legittimu fi triq principali huwa ghazel li jkun irresponsabbli u jkun ta' perikolu ghas sewqan ta' terzi u ghalhekk ghandu jirrispondi ghall-ghamilu li ghazel li jkun t aperikolu ghal terzi bis-sewqan tieghu minhabba in nuqqas ta' pecenzja tieghu fit triq.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha rgun tikkonkludi li l-appellant kellu jinstab hati ta' sewqan perikoluz f'liema akkuza huma assorbiti l-ewwel u t-tielet akkuza.

Dwar il-hames akkuza u cioe' li l-appellant instab hati talli bi traskruagni u nuqqas ta' hila fl-arti u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat trafiiku ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq Catherine Portelli jinghad li l-appellant ghandu ragun fir-rikors tal-appell teighu u appuntu fit-tielet aggravju tieghu stante li ma hemm l-ebda ness bejn l-allegat feriti riskontrati minn Dr Damien Calleja Stafrace u s-sewqan tal-appellant. Jinghad li mill-akkzua ta' hsara involontajra fuq il-vettura tal-parte civile l-appellant ma instabx hati. Huwa car li l-prsoekuzzjoni ma pprovatx bl-ahjar mod li kien hemm kollizjoni jew ahjar li l-appellant habat mal-parte civile. Mill-rpovi akkweziti din il-Qorti ma heix sodisfatta li l-allegati hsarat li setgha kellha l-parte civile gew kagunati mill-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appelant hati tar-raba' akkuza qed tikkonfemaha f dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel akkuza fejn it-tieni u t-tielet akkuzi huma assorbiti u thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tal-hames akkuza u dan ghaliex din il-hames akkuza ma tirrizultax u ghalhekk qed tilliberah minnha.

Dwar il-piena din il-Qorti rat li hija mhux qed issib lill-appellant hati tal-hames akkuza kuntrarjament ghall-ewwel Qorti u ghalhekk irid ikun hemm modifika fil-piena inflitta u ghalhekk minflokk il-multa ta' hames mitt euro inflitta mill-ewwel Qorti qeda tikkundannah ihallas multa ta' tlett mija u hamsin euro (€350).

L-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 jghid testwalemt "*(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-*qorti, *b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ ta' l-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas* minn tliet xhur" *Minn dan id-dispost johrog car illi l-ewwel Qorti darba ssib htija ghandha l-obbligu illi tordna wkoll skwalifika tal-licenzja ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tlett xhur . Il-kliem testwali wzat mill-Ligi huwa "ghandha tiskwalifika"*

Issa fil-kaz in desamina jidher li l-ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex timponi l-minimu stante li l-manuvra li ghamel l-appellant kienet wahda irragonevoli li setghet kellha konsegwenzi koroh u ghalhekk din il-Qorti ma tara li ghandha l-ebda' raguni ghalfejn ghandha tinterferixxi fid-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti stante li tali perijodu jaqa' fil-parametri tal-ligi u ghalhekk tali skwalifika qed tigi ukoll konfemata.

Ai termini tal artikolu 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tordna lill-appellant sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur